

“Id-dar tagħna vera kerha. Għala daqshekk kerha uff?” qalet Stella.

Kien il-Ħadd waranofsinhar f’villaġġ xi mkien f’Malta. Stella kienet qiegħda tħarbex fl-isketchbook tagħha u, bħas-soltu, teqred fuq xi ħaġa jew oħra. Oħtha l-kbira, Luċija, kienet qed taqra ktieb interessanti fuq nisa li biddlu d-dinja.

“Lulu, Lulu! Ħares lejn id-djar tal-kotba, qishom djar tal-ħolm. Vera sbieħ!” insistiet Stella.

“Dawk id-djar qegħdin f’pajjiżi oħra, Stell.” Luċija qatgħetilha fil-qasir,  forsi Stella tħalliha bi kwietha.


Minn dak il-ħin
l-immaginazzjoni
ta' Stella ħarbet biha ...